Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9703 — SCP/Real)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 48/14)

1. Fl-4 ta' Frar 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— SCP Group S.à.r.l. ("SCP Group", il-Lussemburgu), ikkontrollata minn: (i) Sistema, li hija korporazzjoni finanzjarja ta' stokks bi sħab (ir-Russja), li finalment hija kkontrollata minn Vladimir Evtushenkov u (ii) Felix Evtushenkov (ir-Russja),

— in-negozju "*real*" ("*real Group*", il-Ġermanja), ikkontrollat minn METRO AG (il-Ġermanja).

SCP takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Għaqdiet, il-kontroll tar-*real Group* kollu kemm hu. Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' xiri ta' ishma u assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— SCP Group: investimenti bbażati fuq il-proprjetà immobbli u servizzi ta' konsulenza,

— *real Group*: forniment ta' ikel u prodotti mhux tal-ikel lil tal-ħwienet permezz ta' 276 hypermarkets fil-Ġermanja u permezz ta' bejgħ online, kif ukoll ipproċessar -tar-laħam ("Meister feines Fleisch - feine Wurst GmbH") u servizzi ta' ħlas diġitali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9703 — SCP/Real

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.